# IN-NAHLA

TA'

# AGOSTINO LEVANZIN

**GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU**

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**13.** **28 TA' NOVEMBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, sebа xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Ħadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għal l-anqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieh tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" nŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

## GĦAKDA BEJN IL G'URNALISTI MALTIN.

Is-sur Ġużè Bosco ta' Costantina ŭieħed m'il collaboraturi tagħna u chittieb m'it-tajbin ta'l malti, xhur ilu chien bagħatli dana l-articolu sabieħ li jiena ġa għedt xi ħaġa fuku fl-eŭŭel numru t'an-"Naħla," u li illum sejjer ingib b'tama kaŭŭija li dac li tant jixtiek Is-sur Bosco jseħħ. Tcun tasseŭ ħaġa sabieħa chiecu il ġurnalisti collħa ta' Malta, ta' cull leŭn u ta' cull fehma, jingħakdu f'socjetà li, f'il ħin li cullħadd jibka jaħseb chif jidhirlu fuk il qŭestjonijiet ta'l politica, isib min jakbeż għalieh f'daŭc li huma drittijiet ta'l istampa. F'il cas li il ġurnalisti l-oħra jifhmuha bħali u jidrilhom li dina il biċċa tista isseħħ, jiena dejjem lest biex nagħmel chemm nista minn ta' l-eŭŭel.

Dana hu l-articolu:

### HAG'A LI TISTA ISSEĦĦ.

Ħaġa li tista isseħħ, li hemm bżonn, li jinħtieġ li isseħħ hi il għakda ta'l ġurnalisti u il chittieba li jgħammru fl'artijiet ta' Malta.

In-"Naħla," ġurnal ġdid, għandu hu jibda jxerred l-eŭŭel ŭieħed iż-żerrigħa it-tajba; għaldakstant għandu jsamma fuk dana leħnu biex ikankal il klub il bierda u għandu jieħu hu il ħsieb li jgħakkad flimchien lil daŭc li għandhom il cbir gieħ li jictbu f'il gazzetti u li jħaddmu id-dehen li għoġbu Alla iżejjinhom bih biex ifarrġu u jgħallmu il poplu.

—Tani frott iż-żerrigħa?

—Għala lè?

# ZGHAZAH MALTIN

Da'l granet il ġurnali taljani chienu mimlijin b'ħafna tifħir għa'ż-żagħżuħ malti li kiegħed Napli u li jismu WASHINGTON BORG li irnexxa ħafna biex jicteb drammi għa't-teatru u li huma sbieħ ŭisk u li intgħoġbu minn ħafna nies li jifmhu. Dan l-aħħar chiteb ŭieħed *Tre Giardini* li gie imfaħħar ŭisk, u għalecc jiena irrid nissieħeb ma' l-oħrajn biex nifraħ lil dana il malti li kiegħed jagħmel unur lil pajjisu kalb il frustieri.

★

Żagħżuħ malti ieħor ta' ħila hu it-Tenur CALLEJA, imŭieled fl-Egittu, li ŭara li intgħoġob ħafna fl-Italja issa gie magħżul biex icanta f'it-Teatru ta'l Cajr ma' ħafna artisti famusi oħra. Ta' dana l-artista mfaħħar, li fi ftit granet sab ruħu magħdud fost l-akŭa cantanti, gieb ir-ritratt u ftit cliem ta' tifħir it-"Teatro Illustrato."

★

Ferħa oħra cbira ŭaslet b'it-telegrafu għal cull min iħobb lil Malta u jixtiek jaraha miexja il kuddiem, minn Ruma, li is-Sur GAUCI, li ftit ilu ħa il-laŭrja ta' Avucat u ha id-diploma ta' Duttur ta'l Letteratura fl-Università tagħna, ħareġ l-eŭŭel, b'il punti collha, f'eżami li sar da'l granet hemm biex jagħżlu Professur ta'l Letteratura Ingliża għal l-Università ta' dic il belt. Jien ili naf ħafna li is-Sur Gauci hu żagħżuħ intelligenti ħafna u ili nakra ħafna poeżiji sbieħ bl-ingliż tiegħu. Dan l-aħħar chien għaxxak lil cullħadd b-Taħdita li chien għamel fl-Università tagħna. Għaldakstant nifraħlu b'kalbi collha ta' dana l-unur ġdid li chiseb għalieh u għal pajjisu.

★

La bdejt nitchellem fuk iż-żgħażaħ maltin ma irridx ninsa lil NERICU MIZZI, bin il mejjet Avucat Fortunatu, li kiegħed jagħmel l-istudji tiegħu ta' Avucat ucoll f'Ruma u mnejn spiss jibgħat articoli sbiħ fuk ligi u ħŭejjeg oħra u li jidhru f'il "Malta Letteraria," ir-rivista tant sabieħa li jmixxi dac iż-żagħżuħ ta' ħila, l-Avucat Turu Mercieca. Dan Mizzi ma ilux għamel taħdita f'iċ-Circolu "La Giovine Malta" għal ħabta ta'l *Otto Settembre* li intgħoġbot ŭisk u li jiena krajt bi pjacir cbir.

★

Żagħżuħ ieħor li jicteb tajjeb ħafna bl-ingliż u li miexi sabiħ ħafna għal Cors ta'Avucat, għad li jrid jilħak ma l-impieg tiegħu ta' scrivan ma'l Gvern, hu BERTU LAFERLA li ftit xhur ilu chien għamel, f'il Culleġġ ta's-Sur Flores, taħdita sabieħa bl-ingliż fuk il miġja ta'l Franciżi f'Malta u li imbagħad talbuħ li jistampaha fi ctieb "Gleanings from Maltese History" li intgħoġob ŭisk.

★

Bl-ingliż tajjeb ħafna ucoll jicteb PAULU FALZON, Procuratur Legali, bin il mejjet Magistrat, u li xi sena ilu chien kala ħafna tifħir għal ctieb ta' poeżiji li chien stampa fl-Ingħilterra "Love's Reawekening."

★

L-ismijiet ta' daŭna iż-żgħażaħ ta' ħila ma daŭc ta' oħrajn li da'l ħin isimhom ma giex f'moħħi iżda li għad insemmi actar il kuddiem jinsġu bħal curuna sabieħa ma ġbin din il Gżira maħbuba li dejjem tat ulied imsemmija f'iż-żmienijiet collha u f'cull ħaġa li meddeŭ rashom għaliha.



# TEATRI

*I Pescatori di Perle* irnexxiet ħafna u l-actar billi tieħu parti is-sinjurina GIUSEPPINA RAVAGLIA bħala *Lejla*. Jiena ġa faħħart f'in-numru l-ieħor li dina il brava artista li ma iddumx ma tigi imsejjħa biex tcanta f'Teatri m'il cbar, u miegħi faħħruha il ġurnali l-oħra ucoll, saħansitra daŭc li trid tcun ŭisk tajba artista biex ifaħħruha, fosthom il "Gazzetta di Malta," li kalet li chiecu chien ħaj Bizet stess ma chienx jagħżel artista aħjar biex tagħmillu dina il parti ta'l opra tiegħu. Leħinha hu ħelu u kaŭŭi u tisma minn għandha noti li jsaħħruc; ma dan taf tcanta ħafna u taf takla tajjeb il parti ŭisk. Dina hi tifla ta' mħallef palermitan u hi xbejba għaklija u intelligenti ŭisk. Ma ndumux ma nisimgħuha f'ir-*Rigoletto*, f'il parti difficili ta' *Gilda* u b'hecc inŭunu nistgħu naraŭ aħjar chemm tisŭa dina l-artista li ġa sabet ruħha stmata minn daŭc collha li jħobbu u jafu jisimgħu artisti tajba.

It-Tenur CECCHINI jaf icanta ħafna u bi ħleŭŭa cbira iżda leħnu hu actarx dgħajjef dgħajjef ucoll hu il Baritonu DE FERRAN, iżda chif għarrfuħ daŭc il granet chien iħossu ŭisk ħażin. ROVERI ħna nafuh u cull tifħir hu żejjed għalieh. Il musica ta' dina l-opra hi sabieħa ŭisk, issaħħrec u tgħaxxkec u l-actar ir-rumanza ta't-tenur "O notte di carezze" li cullħadd jitlob li targa titcanta.

F'ir-RJAL saret ucoll il CAVALLERIA RUSTICANA ta' *Mascagni*. X'inhu il fatt ta' din l-opra jaf, tista tgħid, cullħadd għaliex saret chemm il darba haŭn Malta u minn artisti tajbin. Din l-opra ucoll nistgħu ngħidu li imxiet billi fiha jieħu sehem it-Tenur BOTTA li għal chemm għadu żagħżuħ ħafna iżda għandu leħen m'il l-isbaħ li katt għadna smajna u jecc jibka jistudja għad jista jimxi ħafna il kuddiem.

Il Primadonna ADELE BOTTI għamlet il parti ta *Santuzza* tajjeb u intogħoġbot ŭisk actar milli intgħoġbot bħala *Wally*. Laktet il parti tagħha tajjeb ħafna ucoll TOMEZZOLI bħala *Lola*, għaliex għandha leħen ħelu ħafna u taf tcanta, biss għadha ma chelliex s'issa parti seŭŭa biex turina x'tisŭa. L'istess ingħid minn FABBRI illi bħala *Mamma Lucia* għandha parti żgħira ŭisk. *Costantini* hu baritonu tajjeb li għandu leħen sabieħ u kaŭŭi u għalecc kala tajjeb il parti ta' *Compar Alfio*, u mexa ucoll tajjeb it-Tenur BOTTA f'il parti ta' *Turiddu*. Saret ucoll il BOHEME ta' *Puccini* li fiha laktet tajjeb il parti ta' *Mimi* l-artista ingliża MABEL NELMA u li fukha u fuk l-opra nitħaddet fit aħjar f'numru ieħor.

Il MANOEL ŭara il BOHEME ta' Leoncavallo taŭna il cbira opra ANDREA CHENIER ta's-Surmast Giordano u li tagħha gibt il fatt f'in-numru l-ieħor ta'n-"Nahla." Il musica ta' dina l-opra hi sabiħa ŭisk u billi it-Teatru hu mżejjen chif imiss bla leħħa ta' xejn l-opra tinkala aħjar. Fiha jieħdu parti il famus LA PUMA li bħala *Gerard* igigħel lil cullħadd japplaŭdieh u l-actar f'it-tielet att. It-Tenur CARLINI għandu leħen kaŭŭi u sabiħ, u jecc MANGUZZI ma għandux leħnu iżda

# COLONNA SAGRA.

## L' Evangelju ta Ghada.

L'Eüüel Hadd tal Avvent.

SAN LUKA. Cap. 21:—

"Dac iż-żmien, Gesù kal lid-dixxipuli tigħu: "Jidhru ħüejjeġ tal għageb fix-xemx, fil kamar u fil cüiecheb: (a) u fl'artijiet għasra cbira tan-nies bit-taħbila: u għajjat tal baħar u tal meüġ: u il bniedmin jinxfu bil biża ta dac li jcunu jistenneü gej għad-dinja: għax il kaüüiet jitkanklu. Imbagħd, jaraü il Bin-il-Bniedem gej fuk sħaba, b'setgħa cbira u bil cobor (tigħu). Malli jibdeü jidhru daün il ħüejjeġ, ħarsu il fuk (b) u erfgħu rascom: għax tcun kiegħda tokrob il fidüa tagħcom." U kalilhom tixbiħa: "Araü is-sigra tat-tin u is-siġar collha: mita jibdeü igħakkdu il frott, tcunu tafu li riesak is-sajf. Hemm ucoll intom, mita taraü daün il ħüejjeġ jiġru, cunu afu li korbot is-Saltna t'Alla. (c) Ta-bil-ħakk ngħidilcom lì ma icunx għadda dan in-nisel, (d) sa ma collox icun sar. Is-Sema u l'art igħaddu: imma cliemi ma igħaddix."

(a) San Luka, bħal ma rajna f'San Matteu il gimgħa l'oħra, ifaccar ħaun dac li ħabbar Cristu lill'Appostli fuk il Giudizzju.

(b) *Harsu il fuk u erfgħu rascom* jigifieri *ferrħu kalbcom*, għa'x it-tieni migja ta Gesù, bħalma tcun tal biża għal ħżiena, hecc ucoll tcun ta hena bla kies għat-tajbin.

(c) *Is-Saltna t'Alla* ħaun tfisser *il fidua tat-tajbin*, bhalma giet imsemmija actar il fuk: jigifieri is-sebħ u il hena tal magħżulin collha ta Cristu.

(d) *Dan in-nisel* jigifieri *iż-żmien tad-dinja mill'euuel sat-tieni migja ta Cristu*: dan iż-żmien San Ġuan sejjaħlu *l'aħħar sigħa* u San Paul *it-tmiem tas-seculi*. Mela, Cristu ried lgħid: "Dan collu li ħabbartilcom, seuua fuk il castig tal Lhud u seuua fuk it-tmiem tad-dinja, jigri f'dan *iż-żmien* li bida bl-euuel dehra tlghi fl'art u bix-xandir tal Evangelju u għandu jispicca mita narġa nigi mis-Sema biex nagħmel ħakk m'il ħajjin u mil mejtin (mit-tajbin u mil ħżiena).

## Il Kaddisin tal Gimgħa.

Nhar il it-Tnejn—30 ta novembru—bl-aħmar—Sant' Andrija Appostlu—Tal Kuddies.

Nhar it-Tlieta—bl'abjad - issir il kuddiesa ta San Paul u jista jsir il kuddies għal l'Erüieħ—bl'isüed.

Nhar l'Erbgħa—bl'aħmar - Santa Bibiana Virġni u martri.

Nhar il Ħamis—bl'abjad - San Frangisc Saverju.

Nhar il Gimgħa—bl-aħmar - Santa Barbara, Virġni u Martri—Saum Tal Avvent.

Nhar is-Sibt—bl'abjad - San Pietru Crisolgu - Iskof—Saum tal Avvent.

Nhar il Ħadd - is-sitta ta dicembru—bil vjola - it-Tieni Ħadd tal Avvent.

Nitolbu għa'r-ruħ ta'

**MARIJA FARRUGIA**

m'il l-Imdina, ta' 22 sena, li mietet f'it-18 ta' dana ix-xahar.

Nitolbu l-Alla li jati sabar lil missier u omm

**ĠORĠ BARTOLO**

m'il Birgu, bin Ġużè, ta' 12 il sena li miet f'il 10 ta' dana üara marda ta' tmien t-ijiem.

Nitolbu ucoll il mistrieħ ta' dejjem għar'-ruħ ta' żeüġ tobba m'il l-aħjar li chellna

**It-Tabib AMABILE GULIA.**

li chien Supraintendent ta'l Isptar u li miet f' Üied-il-Għajn ftit ġranet ilu u

**It-TABIB DEBONO**

ta'l Imdina, li chien Supraintendent ta'l Isptar ta' Santu Spirtu ta'l Imdina u ta' Saura ucoll, li miet f'il 21 ta' dana ix-xahar.

# FAVUR U CONTRA

*Il Professur u Curunell Lorenz Manchè M. D. chitibli:—*

*Għażiż Levanzin, irrid nifraħlec b'kalbi collha ta'l gazzetta "In-Naħla" li inti ħriġt, billi fiha ħafna ħüejjeġ x'takra sbiħ u ta' tagħlim. Min ftit u min üisk cullħadd jista jsib fiha xi articolu li jogħġbu, u għalecc ma għandhomx jonksuc dic il għajnuna u dac in-numru ta' msieħbin li jistħokkilha in-"Naħla" tiegħec.*

*Nitolboc tgħoddni bħala imsieħeb u għalecc bgħattlec il ħlas ta' sena.*

*Inselli ħafna għalic*

*Ħabibec.*

**Dr. L. Manchè.**

★

*Is-Sur Bert Cesareo, dac iż-żagħżuħ intelligenti li jaf jicteb tant poeżiji sbiħ u ħelüin b'it-taljan u li ħalak is-"Società Pro Infantia" chitibli:—*

*Għażiż Üistin ta' kalbi,*

*Għoddni bħala imsieħeb f'il gazzetta tiegħec li hi tant meħtieġa u li tista tagħmel tant gid. Hi ħaġa sabiħa üisk li üieħed jitħabat biex igħallem lil poplu u li jistħokkilha cull tifħir. Għalecc nixtieklec il għajnuna ta' daüc in-nies collha li jħobbu lil pajjishom u li lil għajrhom jixtieku jaraüh miexi il kuddiem.*

*B'imħabbti collha,*

**A. Cesareo.**

★

*Il Chiericu Gius. Farrugia Giojoso, dac iż-żagħżuħ ta' ħila li chiteb dic il ġrajja għaüdxija tant sabiħa "Maria Platamun" u li ħarġet f'il 'Mogħdija taż-Żmien" chitibli:—*

*Krajt in-"Naħla" tiegħec u nixtiek li jakraha cullħadd għaliex hi tasseü il gazzetta li jinħtieġ cullħadd. Hi il mudell ta' gazzetta għal poplu u li nitma għad tagħmillu ħafna gid billi tgħallmu u tmixxih il kuddiem.*

*F'il ħin li nixtieklec ħaġa tüila għa'n-"Naħla" inselli għalic b'kalbi collha.*

**Cheo. G. Farrugia Giojoso.**

★

Is-Sur Fons. M. Galea, l-Editur ta'l imxerrda u mfaħħra "Mogħdija ta'ż-Żmien" f'in-numru 81 ta' dina il ġabra sabiħa chiteb:—

"Kbadt il pinna f'idi, u cont sejjer biex inħajjarcom tgħaġġlu tissieħbu f'In-Naħla ta Agostino Levanzin. Kiegħed inkalleb dil gazzetta ta cull gimgħa biex nsemmilcom aħjar x-issibu takrau fiha, x'ħin f'in Nru. 8 tagħha, niltaka ma ittra tal magħruf minn cullħadd Patri Majjistru Caruana, ta't 12 ta' Ottubru 1908 u għidt bejni u bejn ruħi: X'irrid nokgħod nizżattat u nfaħħar fiha d'il gazzetta, x'ħin Patri Uenz Caruana igħid fiha cull gid? Mita Patri Majjistru Caruana iħajjar l's-Sur Levanzin jibka jimxi chif beda? Mita jixtieklu li Alla l'imbierec jibka iżommu *kaüüi u sħiħ għal gid* li jista jagħmel b'dil *gazzetta?*—Cull ma nista inżid jien, hu li "F'dil gazzetta "In-Naħla" issibu minn collox, u għall kalbcom. Ixtruha, issieħbu fiha, għamlu il ħajr lil min iridilcom il gid u l-hena.

# GĦA'N-NISA.

Illum irrid nibda inŭiegeb lil daŭc collha li għoġobhom jagħmluli xi mistoksijiet. Jienanieħu pjacir cbir meta nara li dac li kiegħda nicteb kiegħed jagħmel xi gid u li bosta nisa kiegħdin ifittxuh biex jakraŭh.

Mela ħibda biex inŭiegeb l'is-Sinjura A. M. ta'l Furjana li staksietni x'inhi il fehma tiegħi fuk jecc għandiex iżżomm lil bintha, li dalŭakt tiżżeŭŭeġ f'id-dar magħha. Ir-risposta tiegħi hi f'chelma ŭaħda: LE. Meta l-omm tcun giebet f'id-dinja, b'tant tbatija, bint u rabbietha b'tant għożża u ŭara li għaddiet tant iljieli bla ma għalket għajnejha xifer ma xifer, biex cabbritha u ŭasslitha xebba imfarfra, tħoss, u għandha raġun, meta tara li dina il bint ittajret ŭara kalziet u par mustaċċi u li trid tħalli dar ommha, imkar għal dejjem, biex titlak ŭarajh. Dac il bniedem, f'għajnejn ommha hu bħal dac il ħalliel li giè serkilha minn ħdanha l-actar teżor għażiż li chellha f'id-dinja—tħobbu ħafna, ħafna ma tistax; iġgerrgħu għa'x tara lil bintha mitlufa lejh, iżżiegħel bih biex tarah iħobb lil bintha bħal ma tħobbha tant hi, tmejjel rasha għa'r-rieda ta' bintha għaliex id-dinja hecc miexja u għaliex il mara issir omm biss biex issofri, iżda, narġa inten-ni, tħobbu ħafna, ħafna ma tistax.

Il għarus ta't-tifla hu ragel, u l-irgiel, ftit jeŭ ŭisk, collha jħobbu il fŭiedhom actar minn uliedhom. Malli jħobb xebba jridha collha chemm hi tiegħu. Allahares biss icun jaf li l-ankas ħsieb tagħha hu għal ħaddieħor; u dina il għejra ticber tant li jibda jħoss imkar meta jara lil dic li jħobb tħobb lil ħutha jeŭ lil min giebha f'id-dinja u għamilha mara b'tant tbatija. Dana għandu tort u cbir ħafna iżda l-imħabba hi għamja u ma tfehimha b'xejn, u l-imħabba ta'r-ragel dejjem xi ftit żejjed taħseb għal rasha ucoll.

Mela l-omm ma tridx li dac il barrani li għadhom raŭ ŭiċċu il bieraħ jieħdilha għal collox lil bintha u li ma jridiex tibka miġbuda lejha bħal kabel; il għarus irid l-imħabba ta'l għarusa collha għalieh; l-omm għandha raġun; l-imħabba ma tirraġunax; u b'hecc il għarusa issib ruħha bejn in-nar u l-ilma. Tonkos l-ommha? Kalbha ma ittiehiex. Tonkos lil għarus? Chif tista jecc mitlufa bħal miġnuna ŭarajh?

Dac li jiġri fl-egħrusija jiġri agħar f'iż-żŭieġ. Dac li l-omm tcun sarret fl-istoncu tagħha ma tul l-egħrusija biex ma tħassariex u ittellef xorti bintha, issa li il kattus icun fl-ixcora, tibda tisbuccah. Ir-ragel li kabel chien imejjel rasu għal ħafna ħŭejjeġ għaliex chien jidħol f'id-dar bħal għarus, jibda jħoss li issa għandu il jedd hemm geŭ. Jibda dic ma titlagħlux u dic ma tinżillux, li hu ma sarx it-tifel ta' dic l-omm billi iżżeŭŭeġ lil bintha, u jibda il misħut ghirrinġhirr li jiecol il klub. U it-tifla tiżfen f'in-nofs bla ma taf lil min tibda tati raġun għaliex minn cull fejn takta joħroġ id-demm. Mela min jiżżeŭŭeġ għandu jmur għal rasu; aħjar għorfa u għalic milli f'palazz ma ħaddieħor. Meta il mara tcun ma żeŭġha f'darha ma hemmx l-omm li tifli cull nukkas ta'r-ragel biex issefsu l'it-tifla, dejjem għal gid tagħha, iżda li dejjem igib l-inqŭiet; ma hemmx ir-ragel li għal cull ħaġa ta' xejn jieħu fastidju għa'x naksu dac, għa'x chellmitu b'il herra dic, għa'x xebgħu minnu, għa'x ma jaħmluhx; u dana collu jinżel bħala ċomb imdeŭŭeb f'kalb il mara, u spiss jagħmlilha ħsara f'saħħitha u dejjem iħassar il hena bejn mara u ragel.

Mela bħala omm ta'l għakal ibda int stess biex meta it-tifla tgħidlec li trid tibka miegħec, tgħidilha le.

Jecc jista jcun icrilha f'il krib; dana jcun ta' gid cbir għal bintec għaliex id-dakka ta' għajn u ta' id ta'l omm jisŭeŭ ŭisk. Ir-ragel ucoll meta jat li kiegħed taħt għajnejcom ifittex li jintgħoġob aħjar u hecc id-dgħajsa timxi bla burraxc. It-tifla tcun tista tigi tarac, jecc m'hux cŭljum, sicŭit u żeŭġha, billi tcunu f'il krib, igħaddi jaracom spiss ucoll. Siegħa ħbiberija iżommha cullħadd. Aħjar siegħa complimenti minn ġurnata tleŭŭim u ugiegħ il kalb. Mela f'il krib iva, flimchien le; għal gid tiegħec u għall hena ta' bintec.

Jecc imbagħad tifhem li żeŭġ bintec irid jokgħod miegħec m'hux biex iħallic tgaŭdi lil bintec jeŭ għa'x icun jakbel miegħec iżda għal xi interess, akta ħesrem għaliex icun kejsu irsir marbut b'catina ta'd-deheb li tŭeġġgħu u ittakklu dejjem iżda li ma jtieħx li jaktagħha; u għalecc f'loc li jaktagħha jiecolha b'il garr u b'it-tleŭŭim baxx baxx ma martu li biex ma tkankalx xenati tiġbor u issorr collox ġo fiha bħal ma Cristu baxxa rasu u xorob l-imrar kalil ta'l calci ta'l Getsemani.

Iġri ŭara bintec, għaliex id-dakka ta' għajn tiegħec tisŭa ħafna; la titlakhiex f'idejn żeuġha bħalli chiecu chellec mitt sena sa teħles minnha jeŭ bħallichiecu chellec xi għokla fuk l-istoncu tiegħec u sibt min serrħec minnha, għinha fejn tista għaliex għad li tcun iżżeŭŭġet tibka dejjem bintec u jcunu inħolkulha bżonnijiet oħra, idħol chemm tista damma magħha ħalli tiftah kalbha miegħec u tcun taf x'inhu għaddej bejnha u bejn żeŭġha u li tcun taf d'al ħŭejjeġ hu ta' gid cbir għal bintec, għallimha għaliex ħafna ħŭejjeġ huma ġodda għaliha, iftħilha għajnejha b'il ħleŭŭa chif għandha iggib ruħha ma'ragel għaliex dac li tgħallimt int hi trid tbati biex titgħallmu; tħabbeb chemm tista ma żeŭġ bintec jecc m'hux għalieh iżda għall bintec biex ma taklax garr u tingħiż ta'l labar; iżda li iżżommha miegħec katt u katt. Bintec titfantas ftit u il għarus actarx idendel il gheddum. Xejn la isseŭŭed kalbec għaliex ma jgħaddix żmien tŭil li ma jatucx it-tnejn raġun u jbiercu il għamil tiegħec għaliex minnu tnissel il hena ta' bejniethom.

Tcun ħaġa agħar, imbagħad, jecc il mara tmur ma nies żeŭġha. Katt u katt għaliex tinxteħet fl'-infern ta' dina id-dinja. Omm ir-ragel tarac bħal għadu f'id-dar, għaliex ŭara li ħaddtilha lil binha mort issaltan magħha f'darha. Tibda tgħoddloc passic, iddommloc cliemec, tiżen cull nifs li tieħu u meta tonkosha f'xi ħaġa malajr tferrah dac li jcollha fuk l-istoncu tagħha f'ŭidnejn żeŭgec u żeŭgec cliem ommu jtiegħmu ŭisk. Le, okgħod ġo gorboġ, cul biċċa koxra ta'l ħobż niexfa iżda għa'r-rasec. X'jisŭa li tiecol tigieġa intuscata bl-inqŭiet.

Gib rispett l-omm żeŭgec imħabba fih u f'uliedec, għamlilha gid chemm tista, ilkagħha, ifraħ biha, għejna jecc hi f'il bżonn; la tgorrx lil żeŭgec jecc taraħ jekaf magħha jeŭ iħobbha għaliex dic chienet ommu kabel ħafna ma int cont martu; gegħlu int stess li jirrispettaha u tih l-eżempju għad li m'hix ommoc, iżda li tmur magħha taħt sakaf ŭieħed le; katt u katt.

LUCIA LEVANZIN INGLOTT.

# LOGHOB.

## XARADA.

*L-eūūel* jerfgħu min jiżżeūūeġ;
Int b'*it-tieni* issammar spiss;
Tixtiek taf *l-intier* x'inhuūa?
Frotta tajba cħif imiss.

LEV:

## Lil l-Imsiehbin.

Nitlob lil daūc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eūūel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daūc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraū tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inūieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol ūisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cull-ħadd.

★

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŪTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŪANN EVANGELISTA F'PATMOS." DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMSIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŪŪEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIE-NA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HAL-LI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

A. LEVANZIN.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qūalità jixtri daūc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geūs u ta'l caūba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Min irid jixtri Alexandra, Irish Car u carrettun compit bi tnax il lira biss ta' collox jmur għand is-sur Cav: Oraz Agius ta' Bormla.

Tridu tinkdeū b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dūardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieh sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Dar cbira għal chiri tajba għal żeūġ familji fi Strada Annunziata, No 52, il Hamrun; u ħanut cbir, il Furjana, Str. Botanico, No. 14. Min irid x'informazzjoni fukhom jiġi fl-ufficcju tiegħi.

Min irid crietel vojta għal patata b'il 2 xelini u tliet soldi il ūieħed imur għand Bernard Zammit, 11, Flag Stone Wharf, il Menka (Marsa).

Min icollu bżonn li jircanta jeū jistma xi ħaġa, jeū min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeū mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A, Strada Reale, Il Belt, jeū fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ūakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Gha't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeū l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixrob il veri imbejjet naturali imur għand Rafel Raggio fi Strada S. Paolo, 34A. Ta's-Sliema.

Min irid jixtri ħūejjeġ ta' rġiel u ta'n-nisa, cpiepel u umbrelel u ġugarelli tajbin u irħas imur għand Chelinu Tirchett fi Strada Marina, 46, Bormla.

Zenobio tal Hamrun javża li għandu għal bejħ bi prezzijiet irħas, dac collu li jinħtieġ biex tarma carrozzi u carrozzini.

Min irid jixtri cażimiri ta'l fantasija u jħit ħuejjeġ fuk l-aħħar moda jmur għand Vincenz Brincat, 135 Str. Britanica, il Belt.

F'id-Duke of Cannaught Bar, ta' P. Camilleri, ta' Strada Teatro. Il Belt issibu xorb, imbejjet, birra, cafè u sigarri m'il l-aħjar.

Min irid sruġ u ħuejjeġ ta'l ingenji tajba jmur għand Azzilla u Costa ta' Strada Reale, 298, il Belt.

Għand il Parrucchier ta' Strada It-Torri, No. 2, ta' Ta's-Sliema issibu profumerija u komos m'il l'aħjar.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seūūa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħūienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.